TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 228/10

**Josianne Mifsud**

**vs**

**Philip Camilleri u Joseph Camilleri**

Illum 5 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet elef u erba' mitt ewro (€3,400) rappreżentanti xogħol ta' kontra bejt li sar ħażin.

L-intimati ma ppreżentawx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma l-istess intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ingaġġat lill-intimati sabiex isir xogħol ta' kontra bejt, liema xogħol sar ħażin u qed jidħol l-ilma bil-konsegwenza li qed issir ħsara fil-kumplament tal-fond tagħha.

L-intimati, fix-xhieda tagħhom issottomettew illi x-xogħol kien sar sewwa u li meta kważi kienu lestew ix-xogħol, kienet qabdet ix-xita. Illi huma kienu lesti li jagħmlu l-membrane fejn kienet saret il-ħsara a spejjeż tagħhom.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota li l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub għal din it-talba.

It-Tribunal ra r-rapport *ex parte* tal-Perit Philip Mifsud, fejn fir-rapport tiegħu ikkonkluda li x-xogħol ma sarx tajjeb u sar xogħol inferjuri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimati jħallsu s-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), bl-ispejjeż kontra l-istess intimati in solidum bejniethom.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888